# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 22 ta' Marzu,2022**

**Numru**

**Rikors Numru 802/2017 TA**

**Gerard Farruġia (K.I.0449564M)**

**vs**

**Tug Malta Limited (C 4594)**

**<u>Il-Qorti:</u>**

Rat ir-rikors ġuramentat tal-Attur, ippreżentat fil-5 ta' Settembru 2015 u maħluf minnu stess fl-istess jum li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:-

1.” Premess illi r-rikorrent huwa mpjegat mas-soċjeta' intimata;

2. U premess illi f'inċident li seħħ nhar id-dsatax (19) ta' Jannar tas-sena elfejn u ħmistax (2015), fuq il-post tax-xogħol u matul il-qadi tad-doveri tiegħu, ir-rikorrent wegga' u konsegwenza ta' liema inċident sofra danni fosthom debilita' permanenti kif ser jiġi ppruvat fil-mori ta' dan ir-rikors;

3. U premess illi b'riżultat dirett tal-imsemmi inċident. ir-rikorrent sofra telf ta' qliegħ,diżabilita' permanenti u danni konsegwenzjali;

4. U premess illi l-imsemmi inċident seħħ unikament tort, b'negligenza, imperizja u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tas-saħħa u sigurta' fuq il-post tax-xogħol da parti tas-soċjeta' intimata;

5. U premess illi s-soċjeta' intimata ġiet interpellata anke permezz ta' ittra uffiċjali bin- numru 1608/16, annessa u mmarkata bħala **Dok.GFI** sabiex

tgħaddi għall-likwidazzjoni u ħlas tad-danni sofferti mir-rikorrent, is-soċjeta' intimata baqgħet inadempjenti.

Għalhekk, tgħid is-soċjeta intimata għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex għar-raġunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni oħra neċessarja:

1. Tiddikjara li s-soċjeta' intimata hija unikament responsabbli għall-inċident li seħħ fuq il-post tax-xogħol nhar id-dsatax (19) ta' Jannar tas-sena elfejn u ħmistax. (2015), f'liema inċident korra r-rikorrent;

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrent b'konsegwenza tal-inċident imsemmi;

3. Tikkundanna lill-istess soċjeta' intimata tħallas lir-rikorrent d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjeż kollha, inklużi l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali surreferita bin-numru 1608/2016 preżentata quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kontra s-soċjeta' intimata li qiegħda minn issa tiġi nġunta għas-subizzjoni u bir-riżerva għal kull azzjoni fil-liġi, bl-imgħax skont il-liġi".

Rat ir-risposta ġuramentata tas-Soċjetá Tug Malta Limited ippreżentata fis-27 ta' Settembru 2017 u maħlufa fl-istess data minn John Ellul Sullivan in rappreżentanza tal-istess Soċjetá li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:-

1 "Illi l-inċident lamentat mir-rikorrent li seħħ fid-19 ta' Jannar 2015, ma seħħ b'ebda tort u ħtija tas-soċjeta` ntimata, li wettqet id-dmir tagħha li bħala prinċipal, iżżomm *a safe working environment* fuq il-post tax-xogħol. Ma kien hemm ebda tort, negliġenza jew imperizia da parti tal-intimata li wasslu għal dan l-inċident.

2. Illi s-soċjeta intimata ħallset lir-rikorrent dawk il-benefiċċji kollha dovuti lilu skont il- Ftehim Kollettiv viġenti u li huma pagabbli abbażi biss tal-fatt li jkun seħħ korriment fuq il-post tax-xogħol, indipendentement mit-tort u ċioe' jekk l-inċident ikunx seħħ tort tal-prinċipal jew tal-impjegat. Ir-rikorrent ma jistax jirreklama mill-ġdid il-ħlas ta' flejjes li diġa rċieva mingħand is-soċjeta ntimata b'konsegwenza tal-inċident in kwistjoni.

Salvi eċċezzjonijiet oħra u bl-ispejjeż".

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawża;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-10 ta' Jannar 2022 fejn il-kawża tħalliet għal-llum għas-sentenza.

**<u>Punti ta' fatti:</u>**

L-Attur huwa impjegat mas-Soċjetá konvenuta bħala Kaptan (Master) fuq parti mill-ekwipaġġ tagħha (ara affidavit attur a' fol 21, xhieda Clint Galea a' fol 38, xhieda Micheal Zammit a' fol 61, xhieda Abigail Vella a' fol 89, xhieda a' fol 362, xhieda Carl Sammut a' fol 384).

*Mil-Personnel Accident Report Form* li mela l-Attur stess fid-19 ta' Jannar 2015, jirriżulta li dak inhar l-Attur kien involut f'inċident fit-taraġ waqt li kien qiegħed waħdu ġol-lanċa bl-isem Mari, il-post tax-xogħol tiegħu (ara rapport a' fol 99). Dan it-taraġ jagħti mill-*bridge*, fejn tiġi manuvrata l-lanċa, għal bieb li jagħti għal *mess room*. Din ta' l-aħħar hija l-kamra tal-akkomodazzjoni (ara xhieda Eng. Carl Sammut, Superintendent fid-Dipartiment Tekniku fi ħdan is-soċjetá intimata, a' fol 385 et seq).

F'dan ir-rapport l-Attur jiddikjara li l-inċident seħħ b'dan il-mod: "*on going down from bridge rested left foot on the last step.* ***<u>Due to the rest came on the edge of the step</u>*** *slipped and twisted the foot*" (ara fol 99) (sottolinear u emfażi ta' din il-Qorti). Fl-affidavit tiegħu iżda, l-Attur jiddikjara li l-inċident seħħ b'dan il-mod: "…*fil-bridge smajt alarm idoqq. Ftaħt il-bieb tal-bridge, tlajt tliet tarġiet u tfejt l-alarm għax minn hemm kien jintlaħaq. Jien u nieżel dawk it-tliet (3) tarġiet li jidhru fir-ritratt anness u mmarkat bħala Dok. GF3* [a' fol 24], ***<u>kif dort</u>***,…" (ara

affidavit para 3 a' fol 21; ara wkoll k/eżami a' fol 425) (sottolinear u emfażi ta' din il-Qorti).

Fir-rapport tiegħu, l-Attur iddikjara li ma kienx hemm "*Broken/Faulty Equipment/Gear*" involut fl-inċident. Madanakollu, b'dawn il-proċeduri li ġew istitwiti sentejn, seba' xhur u sbatax -il jum wara l-inċident, l-Attur iddeċieda jattribwixxi dan l-inċident għal-difett fl-aħħar tarġa ta' din l-iskala "…*minħabba li t-tarġa mhux magħmula kif suppsot għax għandha tip ta' niżla fir-rifsa tagħha kif jidher fir-ritratti li jidhru fid-dokument anness u mmarkat bħala Dok.GF4* [a' fol 25] *u Dok. GF5* [a' fol 26]" (ara affidavit para 3 fol 21).

Jirriżulta li fi żmien tal-inċident l-Attur kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni (a' fol 232) taħt ftehim kollettiv (fol 246) li kien jagħmel parti minnu l-Attur. Skont is-Soċjetá konvenuta, b'dan il-ftehim l-Attur tħallas il-paga kollha u nofsha bħala benefiċċju għal dan il-korriment li jammonta għas-somma globali ta' €33,599 (ara xhieda Kevin Camilleri, Deputat Segretarju Ġenerali fi ħdan il-General Workers Union, a' fol 127 et seq, xhieda ta' Malcolm Custo, Chief Financial Officer fi ħdan is-soċjetá Konvenuta a' fol 377 et seq).

Skont l-Attur, b'dan il-ftehim huwa irċieva nofs sena paga li jammonta għas-somma ta' €11,208 (ara affidavit para 13 a' fol 22). Ħadd mill-partijiet ma preżenta dokumenti in sostanza ta' l-ammont ta' benefiċċju reklamat. Il-Qorti għaldaqstant ma hiex f'qagħda li tivverifikah. Jirriżulta li wara l-inċident l-Attur daħal lura għax-xogħol wara perjodu ta' sick leave u baqa' jagħmel l-istess xogħol tiegħu ta' master/kaptan (ara xhieda Malcolm Custo a' fol 379).

**Punti ta' Liġi:**

It-talba tal-Attur hija waħda għad-danni wara korriment fuq il-post tax-xogħol.

Ġie ritenut li "*Il-principji generali li jirregolaw is-sahha u s-sigurta' fuq il-post tax-xoghol u r-responsabbiltajiet ta' min ihaddem huma ben stabbiliti fil-gurisprudenza taghna u anke mfissra f'Ligi specjali. Bhala principju generali l-harsien tas-sahha u s-sigurta` fuq ix-xoghol ghandu jitqies ta' interess pubbliku" (Art. 2(a) tal-Att.VII tal-1994 ripetut fl-art 4(1) tal-Att XXVII of 2000 (Kap 424 tal-Ligijiet ta' Malta. Sussegwentement dan l-obbligu kompla jigi regolat bl-Avviz Legali 44 tas-sena 2002 (LS 424.15) u b l-Avviz Legali 36 ta' l-2003 (LS 424.18).).*

*Huwa dmir ta' min ihaddem li jipprovdi dik li tissejjah bhala "a safe system of work", b'dan li huwa obbligu tieghu li jipprovdi mezzi, apparat u ambjent li ma jkunux ta' perikolu u riskji ghas-sahha u l-hajja tal-istess impjegat - Att biex jippromwovi s-**Saħħa u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xogħol - Att Numru VII tal-1994** fl-**artikolu 2(2)(a) u (b)** (Ara per.es.- "**John Sultana vs Francis Spiteri et noe"** (K. 28 ta' Mejju 1979); **"Emmanuel Grech vs Carmelo sive Charles Farruġia et noe"** (A.C. 7 ta' Dicembru 1994); **"Keith Caruana vs Joseph Paris et nomine"** (P.A. 12 ta' Frar 1999) li jelenka b'mod generali d-dmirijiet ta' min ihaddem. Ukoll "Huwa dmir ta' kull min jahdem fuq post tax-xoghol li jhares is-sahha u s-sigurta' tal-haddiema l-ohra fl-istess post, kif ukoll tieghu stess" (**Art. 2(2)(c) Att. VII tal-1994**).*" (**Robert Azzopardi vs Gutenberg Press Limited**, Qorti Ċivili Prim'Awla, 31 ta' Ottubru 2013).

Kif insenjat fis-sentenza **Carmelo Fenech vs Malta Freeport Terminals** mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla per imħallef Joseph R. Micallef fis-16 ta' Mejju 2019, "*Illi d-dottrina tgħallem illi fil-qasam ta' responsabbiltà dwar korriment li jseħħ fuq il-post tax-xogħol waqt il-qadi ta' dmirijiet tal-persuna li tkun, japplikaw kemm regoli ġenerali kif ukoll speċjali. Ir-regoli ġenerali jgħabbu lil kull persuna bir-responsabiltà għal egħmil jew nuqqas ta' egħmil tagħha (Art. 1031 tal-Kap 16).*

*B'żieda ma' dan, kull min iħaddem jrid iwieġeb għal aġir mal-ħaddiem tiegħu Art. 1037 tal-Kap 16, sakemm ma jintweriex li dak il-ħaddiem naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew għall-prekawzjonijiet li l-imgħallem tiegħu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-ħaddiem, bi traskuraġni jew b'rieda, ikun hu nnifsu ġab l-effetti tal-inċident b'idejh (App. Ċiv.* ***28.4.2017*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Tessie Cardona et vs C.V. Builders Ltd. Et****);*

*Illi b'żieda ma' dan, hija regola oħra ewlenija f'dan il-qasam, li l-imgħallem irid jiżgura li jipprovdi lill-ħaddiema tiegħu b'ambjent li jżomm 'il bogħod kull periklu u dan billi jiżgura li jitħaddem sistema xieraq ta' ħarsien minn kull periklu fejn ikun sejjer isir ix-xogħol minnu mitlub. Fid-dritt, dan id-dmir iġorr miegħu grad għoli ta' responsabbiltà fuq l-imgħallem, u jaqa' fuqu l-piż li jipprova li l-inċident ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi tistenna minnu f'dan ir-rigward. Huwa wkoll dmir li jitfa' fuq min iħaddem il-piż li jieħu miżuri preskritti xierqa (Art. 6(2) tal-Kap 424) u jġib miegħu wkoll id-dmir tal-għoti ta' tagħrif meħtieġ, l-għoti ta' tagħlim u taħriġ u kif ukoll superviżjoni biex titħares is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiem Art. 6(3) tal-Kap 424;*

*Illi daqstant ieħor huwa stabbilit li dan id-dmir ta' min iħaddem jitlob ukoll li s-sistema tax-xogħol li jkun irid iħares lill-ħaddiema wkoll fil-każ li r-rutina tal-istess xogħol tnissel sens ta' aljenazzjoni jew traskuraġni (Kumm. JH **9.9.1981** fil-kawża fl-ismijiet **Godfrey Borġ vs George Wells et noe** (mhix pubblikata). Daqstant ieħor ifisser li jekk sistema jkun ilu jitħaddem għal tul ta' żmien bla ma qatt ikun inqala' xi inċident, dan ma jfissirx li dak is-sistema huwa wieħed sikur jew li jeħles lill-imgħallem mir-rabtiet imposti fuqu mil-liġi (P.A. **10.10.1980** fil-kawża fl-ismijiet **Calleja vs Fino** (mhix pubblikata) ;*

*Illi jrid jingħad ukoll li l-imsemmi grad għoli ta' responsabbiltà li jaqa' fuq min iħaddem ma jeħlisx lil min jaħdem mill-obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq (Art. 7(1) tal-Kap 424), u b'mod partikolari, għandu jimxi id f'id ma' min ikun qiegħed iħaddmu safejn jidħlu l-obbligi li l-liġi tqiegħed fuq spallejn l-imgħallem u l-awtoritajiet kompetenti (Art. 7(2) tal-Kap 424) u għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għar-riskju bla bżonn u li joqgħod f'kull ħin attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel (P.A. RCP **30.10.2008** fil-kawża fl-ismijiet **Richard Farruġia vs Elbros Construction Ltd**). B'mod partikolari, ħaddiem għandu jkun konxju tal-perikli fuq il-lant tax-xogħol tiegħu u ma għandu qatt jagħmel manuvri azzardati li jgħollu r-riskju tal-ħsara jew tal-korriment lilu nnifsu u 'l dawk ta' madwaru (P.A. TM **9.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet **Kevin Mallia vs Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd**);"*

Irid ukoll jingħad li l-pożizzjoni f'każ ta' sinistri ta' din ix-xorta fuq il-post tax-xogħol, il-pożizzjoni taħt il-liġi tagħna hija bħal dik prevalenti taħt il-common law

Ingliża. Fil-ktieb **"Occupational Health & Safety Law" ta' Brenda Barrett et (3rd Edit. 1997 paġna 28 )** intqal li fejn hemm kuntratt ta' impieg "*it could be said that there was an implied duty to take care for the personal safety of the other party to the contract.*" Dan ifisser li kif ġie osservat fis-**Sentenza fl-ismijiet Debono vs Malta Drydocks li ingħatat fis-27 ta' April 2005** hu biżżejjed għall-ħaddiem li juri n-nuqqas ta' teħid ta' miżuri adegwati, bl-obbligu imbagħad ikun fuq min iħaddem biex jipprova jiskolpa ruħu. Interessanti ukoll dak li jingħad minn Giovann Visintini fir-rigward tal-liġi taljana dwar infortuni fuq il-post tax-xogħol: "*Passando a' considerare l'altra previsione dell'obblio di sicurezza a' carico del datore di lavoro anhe qui una evoluzione guirisprudenziale che, gia alla fine del secolo scorso, escogita la costruzione dell'obbligo contrattuale di titular l-incolumita' dell'operaio, spostando la casistica delgli infortuni sul lavoro dal terreno della responsabbilita' aquiliana a quella contrattwale con i relattivi vantaggi di ordine probatorioprocessuale per l'infortunato*" (**Giovanni Visitini, Trattato Brve della Responsabilita' Civile Cedm. Ed 1996. pg 99**).

Jidher għalhekk, li diversi sistemi ġuridiċi ma jridux li jqegħdu fi svantaġġ proċedurali lill-ħaddiem, li f'sitwazzjonijiet ta' din ix-xorta huwa meqjus bħala l-parti l-aktar vulnerabbli. Dan qiegħed jingħad, mingħajr ebda ħsara għad-dritt ta' min iħaddem, li jressaq il-provi kollha meħtiega biex jinħeles mir-responsabbilita' tal-okkorrenza tas-sinistru.

**<u>Konsiderazzjonijiet:</u>**

Senjalati l-prinċipji legali u ġurisprudenzjali applikabbli għal-każ in diżamina, din il-Qorti issa sejra tikkunsidra l-mertu. Mhux kontestat li d-dover li jiżgura li l-

ambjent tax-xogħol tal-Attur meta seħħ l-inċident kien wieħed sikur u ħieles minn kull perikolu kien jaqa fuq is-soċjetá Konvenuta. Kienet hi li assenjat lill-attur sabiex jaħdem fil-post fejn seħħ l-inċident. Isegwi li l-ambjent tax-xogħol fejn sar l-inċident kien taħt il-kontroll tagħha. Dawn il-Qrati jgħallmu li "*Min ihaddem ghandu jiehu taht il-kontroll tieghu s-sit fejn ikun se jibghat il-haddiema tieghu u jivverifika hu li dak is-sit mhux konducenti ghal perikli ghas-sahha tal-haddiema tieghu. Huma dover ta` min ihaddem li jispezzjona l-post, jevalwa r-riskji involuti u jinsisti mal-imprenditur li jaghmel ix-xogholijiet mehtiega biex inehhi kull riskju ta` periklu; jekk l-imprenditur ma jkunx irid jikkoopera, allura min ihaddem ghandu jirrifjuta jesegwixxi x-xoghol u jesponi l-haddiema tieghu ghal perikli. Kif tajjeb osservat l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Bugeja vs Montanaro Gauci", deciza fl-14 ta` Mejju, 2004, "huwa daqstant importanti fil-kuntest ta` responsabbilita` li l-ambjent kollu fejn jahdmu l-impjegati jkun tali li jwarrab l-ickenn possibilita` ta` infortunji fuq ix-xoghol. Dan l-obbligu huwa generalment rikonoxxut bhala dmir tal-employer li jipprovdi 'a safe place of work".* (**Mayor Scicluna vs TN Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 20 ta' April 2007; ara wkoll Katerinu Farruġia vs Tabib Prinċipali tal-Gvern et, Qorti Ċivili Prim'Awla, 15 ta' Marzu 2017; Raymond Zarb vs Industrial Projects Services Limited, Qorti Ċivili Prim' Awla 26 ta' Mejju 2016 Waterproofing Ltd**).

B'applikazzjoni tal-kunsiderazzjonijiet legali esposti supra, l-artikolu 6 tal-Kap. 424 jitfa' fuq is-soċjetá intimata, qua l-*employer*, il-piż li tipprova li l-inċident seħħ minkejja li tkun ħarset dak kollu li l-liġi tistenna minnha f'dan ir-rigward. Huwa

veru li, a tenur tal-artikolu 7 tal-istess Kap, dan il-grad għoli ta' responsabbilitá fuq min iħaddem ma jeħlisx lil min jaħdem, ossia s-Soċjeta' Attriċi, mill-obbligi tiegħu espressi fir-regola 15 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 424.18 (Regolamenti dwar disposizzjonijiet Ġenerali dwar is-saħħa u s-Sigurtá fuq il-Post tax-Xogħol). Dawn l-obbligi iżda "*ma għandhomx jaffettwaw il-prinċipju tar-responsabbiltá ta' min iħaddem*" (proviso artikolu 6 tal-Kap. 424).

Ir-regolament 4(1) tal-L.S.424.03 (Regolamenti dwar is-Sigurtá fil-Baċiri) jipprovdi li "*Kull mogħdija regolari fuq baċir, xatt jew moll li l-persuni impjegati għandhom jgħaddu minnha biex imorru jew jiġu lura minn fuq post tax-xogħol fejn ikunu qegħdin jaħdmu u kull post tax-xogħol tali fuq l-art għandu jinżamm b'mod xieraq għas-sigurtà tal-persuni impjegati.*"Ir-regolament 21 tal-L.S. 424.15 (Reglomenti dwar Ħtiġiet Minimi ta' Saħħa u Sigurtá fuq il-Post tax-Xogħol) speċifikament jipprovdi wkoll is-segwenti:

"*(1) Min iħaddem għandu jiżgura li l-istazzjonijiet kollha fejn isir ix-xogħol ikunu rranġati b'tali modi li x-xogħol jista' jsir mingħajr periklu u bil-kumdità.*

*(2) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-subregolament (1),* ***kull stazzjon fejn isir ix-xogħol għandu jkun irranġat b'tali mod li: ... (ċ) jiżgura li ma jkunx hemm probabbiltà li persuna tiżloq jew taqa***".

Jirriżulta li l-lanċa Marie inbniet fis-sena 1983 fil-Gappun u ġiet akkwistata sekonda manu mis-Soċjetá intimata fis-sena 1996. Minn dik is-sena baqgħet dejjem tiġi operata mis-soċjetá konvenuta sakemm inbiegħet fis-sena 2019 (ara xhieda Inġ. Carl Sammut a' fol 359 u xhieda Darren Zahra a' fol 460).

Jirriżulta li t-tarf tat-taraġ kollhu tal-lanċa in kwistjoni kien mdawwar b'*non slip rubber strips* ħlief għall-aħħar tarġa li fuqha seħħ l-inċident. Dan għaliex ma kienx possibbli li din teħel billi m'għandhiex kantuniera ma xiex taqbad iżda tibqa' testendi sakemm tingħaqad maċ-ċaċċisa tal-bieb li jagħti għall-*mess room* (xhieda Abigail Vella, Health and Safety environment quality manager, fol 210 u 211).

Irriżulta li din l-aħħar tarġa hija fil-fatt dritta u ta' l-istess qies tat-tarġiet l-oħra. Il-*misaligning*/inklinazzjoni li hemm ma jinstabx fil-wisa tagħha iżda fil-parti fejn din ġiet hekk estiża meta l-lanċa ġiet *refurbished/refitted* taħt l-iskrutinju tal-klassi Bureau Veritas madwar sentejn qabel l-inċident, speċifikatament bejn id-9 ta' April 2012 u t-12 ta' Settembru tal-istess sena (ara xhieda Michael Żammit a' fol 62 u 495 u 496, xhieda Abigail Vella a' fol 92, 95, 213, xhieda Inġ. Carl Sammut a' fol 397, 398).

Din l-estensjoni saret bl-iskop li jingħalaq l-ispazju li kien jeżisti bejnha u ċ-ċaċċisa tal-bieb. Dan bil-ħsieb li jitneħħa l-perikolu li teħel xi sieq ta' min ikun qed juża din l-iskala (ara xhieda Abigail Vella a' fol 213 u xhieda Inġ. Carl Sammut a' fol 410). Iġifieri dak li għamlet is-Soċjeta' Attriċi kien intenzjonat biex ikunu evitati inċidenti. Għalhekk dan għamlitu bl-animu sabiex jiġu evitati inċidenti ta' certu gravita'.

L-estensjoni saret b'mod inklinat u mhux għad-dritt għar-raġunijiet speċifikati mill-Inġ. Carl Sammut li bħala Technical Superintendent ħa ħsieb jikkordina, jippjana u jeżegwixxi dawn ix-xogħolijiet (ara xhieda a' fol 397 u 398). Intwera li t-tarġa in kwistjoni kienet, bħal bqija tat-taraġ, mogħttija b'linoleum. Dan huwa

materjal non-slip li jitwaħħal mal-wiċċ tat-taraġ sabiex jiġi evitat żlieq (ara xhieda Abigail Vella, fol 89, xhieda Inġ. Carl Sammut a' fol 397 u 398).

Ġie spjegat li l-materjal ta' kull lanċa, inkluż għalhekk din inkwistjoni, bilfors kellu jkun *non-slip* altrimenti ma tgħaddix mit-testijiet li jsiru taħt il-patroċinju tal-klassi internazzjonali RINA u tat-Transport Malta u konsegwentament il-lanċa ma tiġix liċenzjata li topera (ara xhieda Abigail Vella a' fol  211, 213 u 215, xhieda CEO Mario Mizzi a' fol 365).

F'dan ir-rigward jirriżulta wkoll li l-kundizzjoni tal-lanċa Marie dejjem għaddiet mit-testijiet/ spezzjonijiet/ surveys estensivi li jsiru kull sena mill-klassi u l-Awtoritá imsemmija kif ukoll mill-*intermediary survey* li jsir kull sentejn u mill-*full cycle* li jsir kull ħames snin. Barra minn hekk il-lanċa in kwistjoni dejjem issodisfat ic-*check list* tal-port state control fis-sens li hija konformi mar-rekwiżiti tagħhom u fil-fatt kull sena l-Awtoritá tat-Trasport Malta dejjem ħarġet *commercial vessel certificate* u awtorizzat li l-lanċa topera. Hija dejjem ġiet iċċertifkata bħala '*seaworthy fit for purpose*' (ara xhieda Clive Pavia a' fol 483 faċċata 2; Abigail Vella a' fol 214 u 453 faċċata 2 u 454, xhieda CEO Mario Mizzi a' fol 362 u 365, xhieda Inġ. Carl Sammut a' fol 389, 390, 409).

Għalhekk huwa ċar li f'dawn is-surveys qatt ma qamet ebda kwistjoni fuq il-mod kif ġiet estiża l-aħħar tarġa li fuqha seħħ l-inċident (xhieda Abigail Vella a' fol 215). L-anqas ma jirriżulta, li f'xi ħin xi waħda minn dawn l-Awtoritajiet attirat l-attenzjoni ta' din it-tarġa jew ta' xi nuqqas ieħor u li s-Soċjeta' Rikorrenti injorat dan.

Is-Soċjetá konvenuta, bħala waħda ċertifikata '*b'dak illi jissejjaħ ISO u anke ISM*', twettaq *Internal Audits "fejn flimkien mal-Kaptan abbord* [jiġifieri l-Attur innisfu] *isiru spezzjonijiet tal-lanċa biex ovvjament jiddentifikaw kull tip ta' problema kemm teknika kif ukoll ta' Health and Safety*" (xhieda Inġ. Carl Sammut a' fol 390). Dan id-dover tal-Attur, qua Kaptan/Master tal-lanċa Marie, huwa fil-fatt speċifikatament stipulat fil-klawżola 4 tad-deskrizzjoni tal-impjieg tiegħu (a' fol 229/276). Skont l-istess klawżola, l-Attur innifsu kien fid-dover u r-responsabbilitá "[to] *Carry out ship's husbandry and Health and Safety checks on board the vessel,* ***rectifitying and/or reporting faults as required*** (!)" (sottoliner u emfażi tal-Qorti). F'paragrafu 17 tal-affidavit tiegħu (a' fol 23) l-Attur jgħid li, wara li sarilha r-refit/refurbishment, "*flimkien mal-kollegi tiegħi, konna l-ewwel nies li tlajna fuq il-lanċa,...u meta rajna l-lanċa jien u Stephen Degabriele* [li jaħdem bħala baħħar/seamen mas-soċjetá intimata]*, mill-ewwel ġbidna l-attenzjoni ta' Carl Sammut, technical superintendent ma' Tug Malta Limited, li dik it-tarġa kienet ta' perikolu minħabba li ma kinitx lixxa iżda kienet qisha mżaqqa kif jixhdu r-ritratti annessi.*" L-istess jgħid Stephen Degabriele fix-xhieda tiegħu a' fol 50 sa 52.

Madanakollu, kif sewwa jispjega l-Inġ. Carl Sammut, fl-obbligu tiegħu a' tenur tal-klawżola 4 imsemmija, l-Attur qua master tal-lanċa, kif ukoll kwalunkwe impjegat li jixtieq jirraporta xi tip ta' difett jew ilment, għandu jagħmel dan skont ir-rekwiżiti tal-*Quality Assurance System* tas-Soċjeta' konvenuta, iġifieri bil-miktub. Dan joħroġ espliċitament mill-klawżola 14 tal-istess deskrizzjoni tal-impjieg tal-Attur (a' fol 230). F'dan l-istadju din il-Qorti tfakkar li anke il-ħaddiem

fuq ix-xogħol għandu l-obbligi tiegħu biex iħares saħħtu. Il-pożizzjoni speċjali li jokupa l-Attur kienet ukoll waħda ta' sorveljanza tant li arikolu 4 tal-*postion description* tiegħu kienet tirrekjedi minnu li fost oħrajn "to carry out ship's husbundry and **Health and Safety checks onboard the vessel rectifying/or reporting** faults as reqiured." (Emfazi ta' din il-Qorti Ara a' fol 229).

Aktar minn hekk l-intestatura ta' *Nature and Scope* tkompli tagħmel emfażi fuq dan l-aspett ta' sorveljanza da parti tal-Attur meta jingħad li *"The Master is ultimately responsible for the safe operation of the vessel and its crew at all times, he must therefore ensure that the tuc is fully equipped for getting underway and carrying out towage operations whenever required. He is responsible for managing the upkeep and maintenance of the vessel , ensuring that all ship's husbandry and Health an Safety guidlines and regulations are adhered to."* Minn dawn l-obbligi jemerġi ċar li l-Attur fil-kwalita tiegħu bħala Master ma għandux pożizzjoni sempliċi ta' impjegat iżda funzjonijiet addizjonali. Fi kliem l-Inġ. Carl Sammut, dan isir '*għal raġunijiet ovvji*'. Inkella wieħed jista' jgħid li qal ħafna xorti li jista' ma jkunx minnu jew inkella jgħid xi ħaġa lil persuna waħda biss mingħajr ma jkunu jafu l-kollegi l-oħrajn (ara xhieda a' fol 399). Il-*Quality Assurance System* tas-Soċjeta' konvenuta hija tradotta f'Manwal bl-isem *Quality Assurance Procedures and Work Instructions*. Il-klawżola 4.3 ta' dan il-manwal, intitolata *Fault and Defect Reporting* (a' fol 414), tispeċifika diversi drabi li "*any defects noticed shall be reported using the defect report system*" (ara klawżoli 4.3.1. u 4.3.2.). Fl-Atti ġie prodott silta minn dan il-Manwal ta' Proċedura, konsistenti fi 8 paġni, kif kien fis-seħħ fid-data ta' meta l-Attur

allegatament irraporta b'mod verbali l-problema fuq it-tarġa (ara fol 412 u xhieda Inġ. Carl Sammut a' fol 407). L-istess manwal huwa konformi mas-sistema spjegata mill-istess Inġ. Carl Sammut fix-xhieda tiegħu u huwa wkoll dokument ikontrollat (ara xhieda a' fol 405 u 406). Di fatti artikolu 4.3 tal-manwal speċifikament jiddisponi hekk "The Master's Handover Checklist **which is an integral** part of the Master's logbook will be completed at every shift change or prior to moving to a tug, if nor manned daily. **Any defects noticed shall be reported using the defect report system.**" (Emfażi ta' din il-Qorti)

L-Inġ. Carl Sammut jispjega li din il-proċedura tipprovdi diversi modi għad-dispożizzjoni tal-impjegati li bihom l-ilment jista jiġi reġistrat: "*kellu ħafna modi kif jagħmilha bil-miktub jew li jimla form li aħna nsibuha bħala defect report illi hija isoform tal-quality sysem tagħna, seta wkoll jimliha fir-remark tal-log book, seta' wkoll informa l-health and safety representative tal-crew biex iqajjimha fil-health and safety committee meeting, xi ħaġa li ma saritx imbagħad saret wara li l-health and safety manager xehdet f'din il-Qorti*..." (xhieda a' fol 400).Intwera li qabel l-inċident, ħadd mill-impjegati tas-soċjetá intimata ma użufruwixxa ruħu minn xi wieħed minn dawn il-modi biex jissottometti xi lment rigward it-tarġa in kwistjoni. Lanqas l-Attur innifsu minkejja li, qua kaptan/ master tal-lanċa, kien hekk rikjest minnu fir-responsabbilitá ta' xogħolu (ara xhieda Inġinier Clive Pavia a' fol 56, a' fol 482 faċċata 2, 486 et seq, xhieda Michael Zammit a' fol 61 faċċata 2 u 496; xhieda Abigail Vella a' fol 92 u 212, xhieda CEO Mario Mizzi a' fol 366, xhieda Inġ. Carl Sammut a' fol 391, 399 sa 401, xhieda Mario Delceppo a' fol

475, xhieda Luċiano Agius a' fol 493 u l-minuti tal-laqgħa tal-Kumitat tal-Health and Safety a' fol 101).

L-unika persuna li qalet li ressqet ilment qabel l-inċident mar-rappreżentanti tal-kumitat tal-Health and Safety kien l-Inġinier Marittimu Clint Galea. L-Inġ. Galea insista fix-xhieda tiegħu (a' fol 444 sa 446) li bħala rappreżentant tal-kumitat tal-Health and Safety, huwa kien ressaq dan l-ilment mal-*Health and Safety Environment Quality Manager* Abigail Vella u ma Michael Zammit u anke rrefera għal e-mails li huwa bgħat f'dan ir-rigward (ara xhieda fol 444 sa 446). Dawn l-e-mails iżda baqgħu ma ġewx ippreżentati u għalhekk ix-xhieda tiegħu baqgħet mhux korraborata. Apparti dan, Abigail Vella meta konfrontata wieġbet kategorikament li qatt ħadd qabel is-sena 2018 ma ġie jkellimha fuq it-tarġa in kwistjoni (ara xhieda a' fol 454).

L-istess Michael Zammit meta mistoqsi jekk sarux diskussjonijiet dwar safety ta' din it-tarġa mal-management wieġeb "*Jiena fil-preżenza tiegħi qatt ma saru. Jiena wkoll għandna committee tas-safety qatt ma tellawha*" (ara xhieda fol 61 faċċata 2).

Jirriżulta wkoll mill-atti li l-Inġ. Clint Galea ġie elett fil-kumitat fis-sena 2016. Għaldaqstant ma kienx parti mill-kumitat fiż-żmien ta' qabel u waqt l-inċident. Jirriżulta li l-Inġinier Clive Pavia kien fil-fatt jagħmel parti mill-kumitat imsemmi f'dak iż-żmien (ara xhieda Abigail Vella a' fol 453 u xhieda Clive Pavia a' fol 485). L-Inġ. Clive Pavia minn naħa tiegħu kkonferma li d-diskussjonijiet fuq it-tarġa saru wara u mhux qabel ma seħħ l-inċident (ara xhieda a' fol 55 faċċata 2, fol 482 faċċata 2, fol 485 faċċata 2 u 486 sa 487).

Ix-xhieda ta' Clive Pavia għaldaqstant taqbel ma dik ta' Abigail Vella u Micheal Zammit. L-istess xhieda tikkontradixxi dik ta l-Inġ. Clint Galea u anke ta' Mario Delċeppo fejn qal li kien jilmenta verbalment fuq it-taraġ ma l-istess Inġ. Clive Pavia qabel l-inċident (ara xhieda fol 475). Dawn il-verżjonijiet, pjuttost konfliġġenti, jindikaw kemm huwa importanti li jsiru ir-rapporti bil-miktub kif diġa' aċċennat aktar 'il fuq, partikolarment il-proċedura iddettata mill-manwal. Dan ifisser ukoll kemm kellu raġun l-Inġinier Carl Sammut meta xehed kif xehed f'dawn il-proċeduri (supra a' fol 399).

Il-Qorti tifhem ukoll li dan l-ilment, kieku verament sar mal-kumitat, kien jiġi rifless fil-minuti li kopja tagħhom tintbgħat kemm elettronikament lil kull min kien preżenti waqt il-meeting kif ukoll fiżikament abbord kull lanċa, workshop u uffiċini wara kull meeting (ara xhieda Abigail Vella a' fol 452).

Dawn il-minuti għalhekk kienu jkunu faċilment disponibbli għal kulħadd u kienu għalhekk faċilment verifikabbli. Minn naħa tagħhom l-Attur u s-Sur Degabriele nfushom jikkonfermaw li l-kumment (iktar milli ilment) tagħhom fuq it-tarġa, jekk sar, ma ġiex formalizzat f'ilment/rimarka bil-miktub hekk kif l-irwol tal-Attur kien jinkombi fuqu li jgħamel (ara kontro-eżami Stephen Degarbiele a' fol 478 u kontro-eżami attur a' fol 427 u 428). L-Inġ. Carl Sammut fix-xhieda tiegħu jistqarr li minħabba t-trapass taż-żmien mhux f'pożizzjoni li jikkonferma jekk tassew għaddewlux dan il-kumment fuq it-tarġa (ara xhieda a' fol 398).

Madanakollu huwa jiġbed l-attenzjoni li l-Attur ma ħalla ebda rimarka f'dan is-sens fuq il-logbook tal-lanċa Marie li jġib in-numru ta' referenza 13928, la fuq il-paġna li timmarka l-aħħar ġurnata ta' qabel ir-*refit/refurbishmenti* tal-lanċa in

kwistjoni, jiġifieri d-9 ta' April 2012, (ara estratt a' fol 403) u lanqas fuq il-paġna li timmarka ewwel ġurnata li fiha ħadmet il-lanċa wara li sarilha l-istess *refit/refurbishment*, jiġifieri t-12 ta' Settembru 2012 (ara estratt a' fol 402) (ara xhieda ta' Inġ. Carl Sammut a' fol 395 u 398).

Lanqas ma ġiet mimlija d-*defect damage report* bl-isem SMS/ISO/312. Din hija "*form blank li timtela mill-kaptan f'każ li jara xi difett jew ħsara*." (xhieda Inġ. Carl Sammut a' fol 407).

Di più, meta rrapporta l-inċident, l-Attur fl-ebda mument ma indika li dan seħħ konsegwenza ta' difett fit-tarġa in kwistjoni jew b'xi mod għamel referenza li l-inċident kien kawża ta' din it-tarġa jew tad-disinn ta' din it-tarġa. Anzi ddikjara li tali difett ma jeżistix (ara rapport a' fol 99 u minuti tal-laqgħa tal-Kumitat tal-Health and Safety a' fol 101; ara wkoll xhieda Abigail Vella a' fol 94, 97 u 134).

Jirriżulta li l-ewwel darba li ssemmiet it-tarġa kienet f'ittra ta' rakkomandazzjoni datata 24 ta' Jannar 2015 mibgħuta mit-tabib tas-soċjetá Dr. Franco Grima lis-CEO tas-Soċjetá konvenuta Mario Mizzi wara li dan invista lill-Attur (a' fol 75; ara wkoll xhieda ta' Dr. Franco Grima a' fol 70).

Is-CEO minn naħa tiegħu rrefera l-ittra lill-Kumitat tal-Health and Safety. Il-Kumitat spezzjona t-taraġ u għamel il-verifiki mad-dipartiment tekniku fejn ġie nfurmat li "*dik it-tarġa tranġat u the best it can be*" (ara xhieda Abigail Vella a' fol 96, 98 u 216).

Is-soċjetá Konvenuta kienet ukoll infurmat bl-inċident lill-Awtoritá tas-Saħħa u s-Sigurtá fuq il-Post tax-Xogħol (OHSA), u anke fornitha bir-*report of injury and*

*application for benefit* tal-attur, l-hekk imsejħa NI 30 (ara ittra u applikazzjoni a' fol 113 u 114).

L-istess awtoritá iżda kkonkludiet li l-inċident in kwistjoni "*ma kienitx injury ta' ċertu partikolaritá li kienet timmerita investigazzjoni ulterjuri*" (ara xhieda ta' David Saliba, Kap tat-Taqsimiet Tekniċi fi Ħdan l-Awtoritá għas-Saħħa u s-Sigurtá fuq il-Post tax-xogħol a' fol 110 u 490). Dan ifisser ukoll li ma ittieħdu ebda proċeduri ta' indole penali kontra is-Soċjeta' konvenuta kif solitalment jiġri f'ċirkostanzi simili.

L-Attur minn naħa tiegħu ma rreġistra ebda ilment mal-awtoritá msemmija (ara xhieda tal-istess David Saliba a' fol 109, 111, 489 faċċata 2).

Jirriżulta li l-kwistjoni tat-tarġa reġgħet tqajmet fil-kumitat tal-Health and Safety fi ħdan is-soċjetá Konvenuta mill-Inġinier Clint Galea wara li ġew istitwiti dawn il-proċeduri, preċiżament fis-sena 2018 (ara xhieda Abigail Vella a' fol 452 faċċata 2, 456 faċċata 2 u fol 457).

Fuq dan l-ilment hekk imressaq, il-kumitat ħa ħsieb iqabbad marine surveyor indipendenti biex jistħarreġ it-tarġa inkwistjoni (ara xhieda Abigail Vella a' fol 207, 208 u 406). Dan is-survey fil-fatt ġie redatt mill-Inġinier Darren Zahra fis-16 ta' Jannar 2019 (a' fol 218).

Jirriżulta li Darren Zahra huwa l-Inġinier li kien jiġi mqabbad kull sena sabiex jirraporta l-kundizzjoni tal-lanċa in eżami lill-Awtoritá tat-Trasport Malta. Fix-xhieda tiegħu (a' fol 460) huwa kkonferma li "*mit-2014 sat-2019 li nbiegħet* [il-lanċa Marie] *ma sibtx problemi maġġuri qatt ikolli ngħid. Meta sibt xi problemi li*

*kienu affarijiet żgħar, xejn m'hu perfett. Jitranġaw dak il-ħin u jiġu rectified insomma r-recommendations però xejn m'hu relatat mat-taraġ*".

Fl-aħħar rapport tas-16 ta' Jannar 2019 fejn ġie mqabbad biex jeżamina speċifikatament it-taraġ tal-lanċa Marie, l-Inġ. Zahra innota li l-qisien tat-taraġ ma jaqblux mar-rakkomandazzjonijiet tal-IACS. Huwa madanakollu għaraf li l-"*IACS recommendations are recommendations, not rules. In addition, the building of the tug in 1983 and its refitting in 2012 predate the publishing of the IACS recommendations in 2013. The tug was built to the requirements of JG (Japanese Government) class.*"

Huwa stqarr li sabiex ikun hekk konformi ma' dawn ir-rakkomandazzjonijiet tal-IACS, it-taraġ irid jinbena mill-ġdid. L-Inġinier Zahra għaraf iżda l-impossibilitá ta' din l-impriża għal raġunijiet hemm indikati (a' fol 221) u msemmija wkoll fix-xhieda tiegħu (a' fol 464).

L-Inġinier Zahra għalhekk għalaq ir-rapport billi rrakkomanda li jsir "*covering* [of] *the inclined extension of the bottom step with non-slip/skid material having a coefficient of friction of 0.6 or greater measured when wet*" (ara rapport a' fol 222).

Huwa wasal għal din ir-rakkomandazzjoni wara li pprova it-taraġ hu stess billi qad jitilgħu u jinżlu kemm b'żarbun normali u kif ukoll bis-safety shoes. Jirriżulta mix-xhieda tiegħu li l-Inġinier niżel dan it-taraġ bil-quddiem, jiġifieri għan-niżla jħares l-isfel b'dahru "*lejn il-wheel house. Lejn il-bridge*" (ara xhieda fol 464 faċċata 2 u 465).

Huwa għalhekk ma niżilx it-taraġ skont il-prattika ta' sigurtá imħaddna mill-impjegati tas-Soċjetá konvenuta. Kif spjega l-Inġinier Carl Sammut, "*Huwa safe working practise illi turġien bħal dawn, kemm jekk inti tiela' u kemm jekk inti nieżel, dejjem tagħti dahrek il-parti baxxa wiċċek tħares lejn il-parti għolja jiġifieri kemm jekk inti tiela' u kemm jekk inti nieżel jiġifieri in-normal working practice fl-att marittimu huwa illi titla' u tinżel it-taraġ bl-istess mod b'differenza minn taraġ kif nafuh aħna*" (fol 387; ara wkoll xhieda Clint Galea a' fol 440 u Abigail Vella a' fol 451).

Minkejja li ma niżilx it-taraġ b'dan il-mod, l-Inġinier Zahra xorta sab li bis-safety shoes it-taraġ "*kien jiżloq ħafna u ħafna inqas. Tista' tgħid negliġibbli nsomma għax fl-aħħar mill-aħħar jekk tisforza kollox jiżloq*." (fol 46). Huwa fil-fatt jistqarr li r-rakkomandazzjoni tiegħu sabiex it-taraġ jiġi kopert b'dan in-*non-slip/skid material* saret, mhux għax sab li teżisti xi probabbiltà li persuna tiżloq jew taqa', iżda sempliċiment fid-dawl tal-fatt li "*Fid-dinja kollox jista' jiġi improvjat għall-aħjar.*" (fol 465 faċċata 2).

L-Inġinier Zahra fil-fatt għalaq ir-rapport tiegħu billi rrikonoxxa li l-"*covering* [of] *the void gap by extending the bottom step when the tug was refitted was a a better option than leaving the void gap exposed and that covering the void gab reduced the tripping hazard and as such impoved safety.*"

Fid-dawl ta' dawn il-provi, il-Qorti waslet għall-konklużjoni li s-Soċjetá Konvenuta irnexxilha turi li l-inċident seħħ minkejja li ħarset u mxiet ma' dak kollu li l-liġi tistenna minnha f'dan ir-rigward. Il-Qorti tikkonkludi għalhekk li s-Soċjetá konvenuta pruvat sal-grad rikjest mil-liġi li hi żammet mar-

responsabbilitá tagħha f' tipprovdi 'a safe system of work'. L-Attur minn naħa l-oħra wera nuqqas fl-obbligi tiegħu qua Master/Kaptan a tenur tal-klawżoli 4 u 14 tad-deskrizzjoni tal-impjieg tiegħu.

Huwa ma rraporta ebda difett jew ilment fuq it-tarġa skont ir-rekwiżiti tal-*Quality Assurance System* tas-soċjetá intimata, lanqas fir-rapport tal-inċident li rrediġa huwa stess. B'dan il-mod huwa wkoll naqas mill-obbligi tiegħu espressi fl-artikolu 7(2) tal-Kap 424 u fir-regola 15 (e) u (f) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 424.18 (Regolamenti dwar disposizzjonijiet Ġenerali dwar is-saħħa u s-Sigurtá fuq il-Post tax-Xogħol). Dan għaliex ma mexiex id f'id mas-Soċjetá konvenuta u r-rappreżentanti tagħha għas-Saħħa u s-Sigurtá tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol safejn jidħlu l-obbligi li l-liġi tqiegħed fuq spallet l-istess Soċjetá.

F'dan il-kuntest, biex jingħad li l-Attur mexa id f'id mas-Soċjeta konvenuta, din il-Qorti tifhem, li fil-kariga li jokkupa bħala Master, kellu l-obbligu jimxi mal-proċedura tal-manwal. Haġa li ma għamilx. F'dan ir-rigward, l-awturi jsostnu li "Employees must take reasobale care of their own and other people's health and safety **and co-operate with the employer** in the carrying out of his duties." (Emfażi tal-Qorti. **Smith &Keenan. Mercantile Law. Denis Keenan. 6th Edition. Pg. 333**). Id-danni li qed ikunu reklamati huma indubbjament *ex-contractu* u l-obbligu tal-Attur li jimxi mal-manwal huwa ukoll kuntrattwali, anke fiċ-ċirkostanzi li għandha quddiemha din il-Qorti.

Il-provi juru wkoll li kien l-Attur nnifsu li, bi traskuraġni jew b'rieda, ġab l-effetti tal-inċident b'idejh. Dan billi qiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li esponitu għar-

riskju bla bżonn. Huwa ażżarda jitfi l-alarm mit-tielet tarġa flok jitla t-taraġ kollu għal bridge fejn kien l-istess alarm (ara affidavit attur a' fol 21).

B'hekk assoġġetta lilu nnifsu li jinkorri għall-riskju ikbar. Kif spjega l-Inġ. Carl Sammut, "*... kull ma hemm allarmi li seta' b'xi mod jitfi billi jitla' tliet tarġiet kienu tnejn. Wieħed huwa il-fire alarm ... u l-ieħor huwa l-alarm tal-engine room. It-tnejn, il-ġiex allarmi, wieħed iktar mill-ieħor, it-tnejn huma diffiċilment tilaqhom billi titla' tliet tarġiet biss jiġifieri nista' nikkonferma illi jekk titla' it-tielet, sat-tielet tarġa, l-allarm tal-engine room m'għandekx ċans illi tilħqu anke bi statura ta' persuna anke ħafna akbar minn tiegħi jiġifieri. L-allarm tal-fire, jekk tipprova titfieħ mit-tielet tarġa, tkun qed tpoġġi lilek innifsek f'pożizzjoni perikoluża illi tista' tiżloq mit-taraġ jiġifieri idealment dawn iż-żewġ allarmi għandek titla' fil-bridge biex titfiehom minn hemmhekk għax dawn qiegħdin fil-livell tal-bridge u mhux imbilli tibqa' fuq it-tielet, fuq it-tielet tarġa tat-taraġ...Biex titfi dawn l-alarms il-ġiex allarmi li semmejt, kemm il-fire alarm u kemm l-engine room alarm għandhom buttuna biex timmjutja l-horn, biex twaqqaf il-horn milli jkompli jdoqq. Ovvjament imbagħad inti trid tintervjeni biex tagħmel xi ħaġa għax l-alarm ma jkunx qiegħed hemm għalxejn. Dawn l-allarmi jinsabu fil-bridge u biex titfiegħom għandek titla' fil-bridge it-taraġ kollu. Biex tagħhmilha mit-tielet tarġa huwa, tal-engine room huwa żgur, ma jintlaħaqx jiġifieri. Ma jintlaħaqx mit-tielet tarġa.*" (ara xhieda a' fol 386 u 387).

Jirriżulta wkoll li, kemm damet tiġi operata il-lanċa mis-soċjetá Konvenuta, l-Attur kien l-uniku wieħed li korra fuq dan it-taraġ (xhieda Michael Zammit a' fol 497, xhieda Abigail Vella a' fal 133 u 455).

Dan il-fatt ikompli jsaħħaħ il-konvinzjoni ta' din il-Qorti li l-inċident ma seħħx bi ħtija tas-Soċjetá konvenuta. Dan speċjalment meta jitqies li t-taraġ kien jintuża minn diversi impjegati oħra (ara xhieda Abigail Vella a' fol 454 faċċata 2 u 457 faċċata 2, xhieda Mario Delceppo a' fol 474 faċċata 2, xhieda Stephen Degabriele fol 481, xhieda Luċiano Aġius a' fol 492).

Aktar minn hekk huwa kien familjari ma' dan it-taraġ u ma jistax jgħid li qatt ma telgħu qabel. Magħdud dan, tirriżulta inkonsistenza kbira fil-verżjonijiet mogħtija mill-Attur fir-rapport tal-inċident (fol 99), fl-affidavit (fol 21) u fil-kontro-eżami tiegħu (fol 421).

Fir-rapport redatt minnu a tempo verġine, l-Attur jispjega li l-inċident seħħ meta żelaq wara li huwa straħ siequ x-xellugija fuq it-tarf tat-tarġa. Fl-affidavit tiegħu però, l-Attur jgħid li l-inċident seħħ meta dar fl-aħħar tarġa u mhux għax żelaq bil-mod kif deskritt fir-rapport. Fir-rapport l-Attur jiddikjara li ma kienx hemm "*Broken/Faulty Equipment/Gear*" involut fl-inċident. F'dan ir-rigward huwa interessanti dak li jgħidu l-awturi fuq dak li tissejjaħ "la nozione non-imputabile in termini oggettivi". Giovanni Visintini jinnota dar din l-iskola ta' ħsieb li "…*l'indagine, anhe quando e' diretta ad individuare fra le cause dell-impossibilita' di colpa del debitore, e' sempre un indagine di natura causale : si deve provare cioe' che l'eveto che ha causato l-impossibilta' e' derivato o da un comporatmento del debitore , o da altri fattori di cui la lege o I giudici ritengono che egli debba rispondere."* (**Giovanni Visintini. Trattato Breve Della Responsabbilita' Civile. Cedam. 1996. Pg. 162**.)

Huwa biss f'dawn il-proċeduri istitwiti sentejn, seba' xhur u sbatax-il jum wara l-inċident, li l-Attur iddeċieda jattribwixxi dan l-inċident għal-difett fl-aħħar tarġa ta' din l-iskala. Kontradizzjoni oħra li toħroġ mill-affidavit tal-Attur tirrigwarda ż-żmien kemm damet wieqfa l-*lanċa għar-refit/refurbishment*. L-Attur jissottometti li l-lanċa damet wieqfa '*aktar minn sena*' (affidavit a' fol 23 para 17).

Ġie madankollu pruvat mis-Soċjetá konvenuta li effettivament il-lanċa damet wieqfa biss ħames xhur (ara estratti tal-log book a' fol 402 u 403).

Fid-dawl ta' dan kollu il-Qorti tasal għal konvinċiment morali li s-Soċjetá konvenuta ssodisfat id-dmir tagħha li tipprovdi ambjent li ma jkunx ta' perikolu u riskju għas-saħħa u l-ħajja tal-impjegati tagħha. Għaldaqstant l-inċident tal-Attur ma jistax jiġi attribwit lilha.

**<u>Decide:</u>**

Għaldaqstant u għar-raġunijet fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi;

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni** tas-soċjetá Konvenuta;

**Tiċħad it-talbiet attriċi**.

**L-Ispejjeż** tal-kawża, inkluż dawk tal-ittra uffiċċjali bin-numru 1608/2016, jitħallsu mill-Attur.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**